MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 140/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Salah-Aldin M. M. Bin Abdo Alslam u Bashir Abdulgadir S. Mohamemd A.**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Salah-Aldin M. M. Bin Abdo Alslam (detentur ta' Passaport Libiku nru. 69231) u Bashir Abdulgadir S. Mohamemd A. (detentur ta' Passaport Libiku nru. 610116) talli fil-Gzira fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Gunju 2003 u l-1 ta' Lulju 2003:

1) ikkommettew serq ta' mobile phone tal-marka Nokia kif ukoll zewg passaporti Libici mahruga f'isem Rodwan Muftah Ali u Sadek Muftah Ali u dan ghad-

detriment ta’ Rodwan u Sadek Muftah Ali, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, lok u bil-persuna;

2) fl-istess lok, jum u cirkostanzi kkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Rodwan Muftah Ali hekk kif iccertifika Dr. Lawrence Galea M.D. tal-Isptar San Luqa;

3) fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi garrew strument bil-ponta u li jaqta’ minghajr ma kellhom licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija; u

4) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebbew kontra l-persuna ta’ Rodwan Muftah Ali sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Lulju 2003 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imputati (registrata fl-istess gurnata tal-presentata taghhom quddiem dik il-qorti taht arrest, u cioe` fit-2 ta’ Lulju, 2003) sabet lil imsemmija Salah-Aldin M. M. Bin Abdo Alslam u Bashir Abdulgadir S. Mohamemd A. hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u kkundannathom tmintax-il (18) xahar prigunerija kull wiehed;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Salah-Aldin M. M. Bin Abdo Alslam u Bashir Abdulgadir S. Mohamemd A., minnhom prezentat fl-14 ta’ Lulju, 2003, li permezz tieghu talbu r-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta’ Novembru, 2003; ikkunsidrat:

L-appellanti jilmentaw dwar il-piena, li huma jikkontendu li, fic-cirkostanzi, kienet wahda gravuza. Din il-Qorti tosserva, qabel xejn, li ghalkemm meta persuna tammetti l-htija taghha fi stadju bikri tal-proceduri – u ma jistax ikun hemm stadju aktar bikri mill-gurnata tal-presentata ta’ dak li jkun quddiem il-qorti – qorti ghandha normalment tikkonsidra il-possibilita` ta’ xi tnaqqis fil-piena

konformement mar-regoli li, minn zmien ghal zmien, gew formulati minn din il-Qorti u mill-Qorti Kriminali[1], Qorti ta' Gustizzja Kriminali ma ghandha qatt tikkarga d-doza tal-piena minhabba s-semplici fatt li l-hati ma jkunx ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom jew ma jkunx ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, jew addirittura jkun ikkontesta l-kaz u jkun instab eventwalment hati. Ir-raguni wara din il-projbizzjoni giet imfissra (ghalkemm mhux ezattament fil-kuntest ta' nuqqas ta' koperazzjoni fl-investigazzjonijiet) minn Eric Stockdale u Keith Devlin[2] fil-ktieb taghhom ***Sentencing*** (Waterlow Publishers, London, 1987) hekk :

**Although it is proper and customary for courts to give credit to a defendant for pleading guilty, it is improper for a sentencer to add to the appropriate sentence because a defendant has chosen to dispute his guilt and has exercised his right to be tried by a jury[3]. So too, a defendant must not be given an addition to his sentence for lying to the jury, or for attacking prosecution witnesses, and any remarks suggesting that he has been punished for such conduct will lead to a reduction os sentence on appeal. The sentencer should accordingly bear in mind that he must not add to the sentence for wholly extraneous matters. There is some artificiality in these rules, but this is inevitable as long as it is considered desirable to reward defendants for pleading guilty. A defendant is entitled to say to the courts: "If I am correctly advised that I am likely to be sentenced to the 'proper' term of four years' imprisonment after a trial by jury, but only to three years if I plead guilty, how can you say that I am not being punished for exercising my constitutional right to have the prosecution prove the case agianst me?" The only answer that the courts can give is, "You are not being punished for pleading not guilty; you are being rewarded for pleading guilty.**

[1] Ara, fost ohrajn, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi***, Qorti Kriminali, 24 ta' Frar, 1997.
[2] It-tnejn *Circuit Judges* Inglizi.
[3] Ara, fost ohrajn, ***The Republic of Malta v. Perry Ingomar Toornstra*** App. Krim. 12 ta' Gunju, 2003.

**We are using the carrot rather than the stick – and nobody can reasonably object to carrots being offered as rewards." The reward is based in part on the gratitude of the courts for the saving of time and money, partly on the sparing of the victim from the witness-box and partly because of the theory that a man who shows some contrition does not need to be punished so much as one who does not.** [4]

Din il-Qorti mhix ser tipprova telenka x'inhuma "wholly extraneous matters" imsemmija minn dawn iz-zewg awturi – wara kollox jekk xi affarijiet ikunu "wholly extraneous" dawn la ghandhom jaggravaw il-piena u anqas jimmitigawha – pero` certament is-semplici fatt li persuna li tkun qed tigi investigata tibqa' siekta u ma tikkoperax mal-Pulizija, jew, meta tkun qed tigi interrogata, tichad li tkun wettqet ir-reat, <u>fih innifsu</u> m'ghandhiex tkun cirkostanza li tiggustifika zieda fil-piena. Kuntrarjament jinghad, per ezempju, ghall-kaz fejn ir-refurtiva ma tkunx giet ritornata meta l-qorti tkun sodisfatta li din ghadha fil-pussess jew taht il-kontroll tal-hati – f'kaz simili, zieda fil-piena tkun gustifikata. Il-process mentali li gudikant ghandu jsegwi, ghalhekk, hu li l-ewwel jiddetermina x'ghandha tkun ("oggettivament") il-piena li kieku ma kienx hemm l-ammissjoni tal-hati u/jew il-koperazzjoni tieghu fil-kors ta' l-investigazzjoni u wara, f'kaz li jkun hemm tali ammissjoni u/jew koperazzjoni, jara jekk il-kaz partikolari jkunx jimmerita "discount" minhabba dik l-ammissjoni u/jew koperazzjoni. Dan kollu qed jinghad ghax meta l-ewwel qorti tat is-sentenza li minnha qed jappellaw Salah-Aldin u Bashir Abdulgadir, wara li ddeterminat li l-piena kellha tkun ta' prigunerija ghal tmintax-il xahar, ziedet tghid li kienet <u>qed tiffissa din il-piena</u> *"…in vista tal-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-hatja ma ikkoperawx mieghu matul l-investigazzjoni, u l-vittmi tar-reati ddikjaraw illi ma ridux jahfru lil hatja peress illi l-hatja qeghdin jiddikjaraw illi ma jafux fejn jinsabu l-passaporti misruqa ta' Rodwan Muftah Ali u Sadek Muftah Ali."* Fil-

[4] *op. cit.* p. 50, para. 2.24.

fehma ta' din il-Qorti, ebda wahda minn dawn iz-zewg cirkostanzi ma kienet timmerita zieda fil-piena.

Issa, il-piena ghar-reat (delitt) ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni hi minn minimu ta' seba' xhur prigunerija sa massimu ta' tlett snin (Artikoli 281 u 20 tal-Kap. 9). Il-piena ghar-reat (ukoll delitt) ipotizzat fir-tieni imputazzjoni hi ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlett xhur jew multa (Art. 221(1), Kap. 9). Skond l-Artikolu 13 tal-Kap. 66, il-piena fir-rigward tad-delitt kontemplat fit-tielet imputazzjoni hi ta' multa ta' mhux izjed minn hamsin lira jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tkett xhur; filwaqt li r-raba' imputazzjoni tipotizza kontravvenzjoni, u ghalhekk il-piena applikabbli hi dik tal-kontravvenzjonijiet. F'dan il-kaz kien applikabbli wkoll l-Artikolu 17(d) tal-Kap. 9 (dwar il-konkors ta' reati u pieni). Minghajr ma wiehed jikkonsidra l-fatt ta' l-ammissjoni bikrija u tenut kont tal-oggetti misruqa, tal-fatt li l-ferita (recte: offiza) kienet wahda ta' natura hafifa (u mhux qed jigi allegat li saret bi strument bil-ponta u li jaqta), u tal-fedina penali nadifa tal-hatja[5], din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena qatt ma kellha tkun ta' aktar minn hdax-il xahar prigunerija. Tenut kont, imbghad, tal-ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, il-piena li din il-Qorti tara li kienet gusta hija dik ta' tmien xhur prigunerija. Ghalhekk sejra tilqa` l-appell u timmodifika l-piena kif appena mfisser.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil kull wiehed mill-appellanti tmixtax-il xahar prigunerija u minflok tikkundanna lil kull wiehed minnhom tmien (8) xhur prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess appellanti ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, jigifieri mid-data tal-presentata taghhom taht arrest sal-lum.

5 L-appellant Salah-Aldin ghandu biss kundanna wahda, fit-8 ta' Frar, 2002, talli kien Malta minghgajr permess tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u kien inghata "conditional discharge" ghal sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------